**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 3 ta' Dicembru, 2019**

Rikors Guramentat numru: 95/17 AL

**A B C**

**Vs**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippreżentat mill-attrici li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet:

1. Illi l-esponenti hija mara ta' nazzjonalita Russa li żżewġet lil D C fl-24 ta' Marzu 1998 (Dok. A) u minn dawn iż-żwieg twieldet tifla, E C F G, fil-11 ta' Novembru 1999 (Dok. B);

2. Illi dan iż-żwieg huwa regolat taht ir-regim tas-separazzjoni tal-beni kif miftihem bejn il-partijiet quddiem Nutar Pubbliku fid-19 ta' Marzu 1998 (Dok. C)

3. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba abbuż, vjolenza fisika, emozzjonali u finanzjarja, eċċessi, minaċċji, sevizzi, rikatti u theddid, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;
4. Illi minhabba l-agir vjolenti, fiżiku, emozzjonali u finanzjarju, l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali minghajr l-oggetti personali taghha li gew imsakkra u mizmuma mill-konvenut;
5. Illi pendente lite inhareg ordni tal-protezzjoni minn din l-Onorabbli Qorti ghal protezzjoni tal-esponenti;

6. Illi għalhekk il-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

7. Illi sussegwentement, l-esponenti ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi b'dil-kawża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet datat 29 ta' Marzu 2017 (Dok. D);

8. Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza fiżika, emozzjonali, finanzjarja u psikoloġika; theddid; sevizzi; u minaċċji li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti

kellha titlaq mid-dar matrimonjali ma bintha minuri għas-sigurtà tagħha u tal-istess minuri;

2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E C F G f'idejn l-esponenti; u sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna li l-imsemmija minuri tirrisjedi mal-esponenti; u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tawtorizza lill-esponenti tirrisjedi ġewwa l-fond matrimonjali li jinstab ġewwa 307, E, Triq Tas-Sliema, Kappara, San Gwann, flimkien ma' bintha minuri, ad esklużjoni tal-konvenut, u kwindi tordna lill-konvenut jallontana ruhu mid-dar matrimonjali;

5. Tillikwida u tordna lill-konvenut ihallas arretrati ta' manteniment;

6. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-esponenti u ghal minuri E C F G, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri taghlaq l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda tahdem bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeciedi li tibqa tistudja fuq bażi *full-time*; u li dawn il-flejjes jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;

7. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm tkun għadha qed tistudja inkluż, u mhux limitatament, *transport*, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurikulari tal-minuri;

8. Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri fosthom, iżda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-

passaporti għandu jinżamm mill-esponenti; l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u oppotun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;

9. Tikkonferma l-Ordni ta' Protezzjoni mahrug favur l-esponenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kodiċi Ċivili u tal-Artikolu 18 tal-Kap 532 tal-Liġijiet ta' Malta a favur l-esponenti, u Tordna jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa, li tali ordni tigi estiża a favur tal-minuri E C F G;

10. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;

11. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

12. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew *in parte* d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha, inkluż tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 1339/16 BOB, Mandat ta' Sekwestru 212/16 u mandat ta' Inibizzjoni 213/16, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi C. Issir referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu ir-rikorrenti telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

Illi l-Qorti tordna:

1. Is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-intimat.

Illi sussegwentement il-Qorti:

2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E C F G f'idejn ir-rikorrenti.
3. Tordna li l-imsemmija minuri tirrisjedi magħha.
4. Tawtorizza lir-rikorrenti tirrisjedi ġewwa l-fond matrimonjali b'esklużjoni tal-intimat.
5. Tillikwida u tordna lill-intimat iħallas l-arretrati ta' manteniment.
6. Tiffissa u tillikwida ammont ta' manteniment pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti għaliha u għall-minuri E C F G.
7. Tordna lill-intimat ihallas l-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni ghall-minuri sakemm tkun għadha tistudja.
8. Tordna kif ikun regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri u l-attendenza tal-minuri għall-attivitajiet familjari, edukattivi u extra-kurrikulari;
9. Tikkonferma l-ordni ta' protezzjoni maħruġa favur ir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kodiċi Ċivili u tal-Artikolu 18 tal-Kap 532 tal-Liġijiet ta' Malta, u li tali ordni tiġi estiża favur il-minuri E C F G.
10. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand ir-rikorrenti.
11. Tiddikjara liema huma l-beni immobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tar-rikorrenti sabiex il-konvenut jiġi ordnat jirrestitwixxi dawn il-beni dotali u /jew parafernali lill-attriċi.

12. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16, u tapplika kontrih interament jew *in parte* d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 u 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
13. Tawtorizża lir-rikorrent sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti.
14. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut

Jirriżulta li l-intimat huwa kontumaċi skond il-liġi, kif dikjarat fil-verbal datat 15 ta' Novembru 2017 (a fol 105).

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

**Fatti:**

Illi jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fl-24 ta' Marzu 1998, kif jidher mill-att taż-żwieġ esebit bħala Dok A. Illi dan iż-żwieġ hu regolat taħt ir-reġim ta' separazzjoni tal-beni datat 19 ta' Marzu 1998, esebit bħala Dok C. Minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, E C F G fil-11 ta' Novembru 1999 kif jidher mill-att tat-twelid esebit bħala Dok B. Illi wara li l-ħajja konjugali ma baqgħetx aktar possibbli, ir-rikorrenti ġiet awtorizżata tipproċedi b'din il-kawża mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet datat 29 ta' Marzu 2017 (Dok D).

**Provi:**

Illi xehdet Allison Mifsud Brimmer in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc u esebiet riċerki dwar kontijiet bankarji u investimenti f'isem D C mis-sena 2012 sal-11 ta' Diċembru 2017, u rriżultaw ħames kontijiet bankarji f'ismu Dok. AMB1 sa' Dok. AMB5, liema kontijiet għadhom kollha attivi, u hu biss il-kont mmarkat Dok AMB5 li ingħalaq fl-20 ta' Awwissu 2014.

Xehed PC1592 u ppreżenta għaxar rapporti li saru mir-rikorrenti, Dok DB1 sa' Dok DB10.

Illi xehdet Pauline Camilleri in rappreżentanza tal-Appoġġ dwar il-każ tar-rikorrenti u spjegat li l-każ infetaħ l-ewwel darba fl-Appoġġ fl-1998 fejn kien hemm allegat abbuħ fiżiku u finanzjarju, ir-rikorrenti giet megħjuna tidħol f'Dar Merħba Bik, u għamlet kuntatt ma' avukat. Xehdet li sena wara fl-1999, ir-rikorrenti kienet għadha mbeżża speċjalment minħabba l-finanzi iżda ma kienx hemm incidenti fiżiċi. Sussegwentement, fl-2003, reġa' nfetaħ il-file, fejn ir-rikorrenti reġgħet irrappurtat li żewġha kien aggressiv magħha, u l-argumenti kienu jirrigwardaw il-flus. Esebiet rapport Dok PC1, li igħid f'aktar dettal x'ġara mill-1998 sas-sena 2018.

Illi xehdet Sarah Cuschieri in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali u ppreżentat Dok SC1 li juru l-benefiċċji li pperċepixxa l-intimat għas-'severe disability allowance'.

Illi l-ispettur Leeray Balzan Engerer xehed li hu stazzjonat San Ġiljan u ppreżenta Dok LB1, rapport li sar mir-rikorrenti u Dok LB2, il-fedina penali tal-intimat.

Illi Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta xehed u esebixxa Dok SC1 li juri l-vetturi reġistrati f'isem l-intimat, Dok SC2 li juri vetturi li fil-passat kienu reġistrati f'isem l-intimat u Dok SC3 l-vetturi li fil-preżent huma reġistrati f'isem ir-rikorrenti, u Dok SC4 li juri li lanqas fil-passat ma kien hemm vetturi reġistrati f'isem ir-rikorrenti.

A B C xehdet fl-affidavit tagħha u qalet li meta żżewġet lil D, kienet iffirmat karta għand in-Nutar għas-separazzjoni tal-beni. Qalet li meta' bdiet tmur il-'gym' D beda igħir għalija, u meta argumentaw, kien taha daqqa ta' ponn, qasmilha xoffitha, u b'hekk hi fittxet l-għajnuna tal-Appoġġ, u kellha tmur f'Dar Merħba Bik għal tlett ġimgħat bejn Diċembru 1998 u Jannar 1999. Meta kienet f'Dar Merħba Bik, D kien mar jaraha u qalilha li se jinbidel u mhux se jibqa' jieħu droga, u għal xi żmien inbidel ftit, u fil-frattemp inqabdet tqila, u t-tarbija tagħhom E

twieldet fil-11 ta' Novembru 1999. Sussegwentement, meta fl-2003 kellhom argument, l-intimat reġa' beda jagħtiha bil-ponn, u jimbuttaha u għamlitlu rapport lill-Pulizija. Xehdet li meta bintha kellha sitt snin riedet teħodha r-Russja u D ma ridhiex tmur u qattalha l-paġni mill-passaport tagħha, u f'dik l-okkażjoni ukoll kienet għamlet rapport. Sakemm bintha kienet għadha żgħira hi kienet taħdem *part time*, u D kien jitlobha tħallsu talli joqgħod jieħu ħsieb lil binthom waqt li hi tkun ix-xogħol. Spjegat li l-insulti ta' D fil-konfront tagħha kienu xi ħaġa ta' kuljum. Żiedet tgħid li meta fl-2014 kienet reġgħet bdiet taħdem *full-time*, beda jitlobha biex tħallas għal aktar u aktar oġġetti, peress li kien qed ikollha introjtu aktar. Spjegat li fis-sajf tal-2016, D beda jwaddbilha l-oġġetti waqt l-argumenti u anke jsakkarha ġod-dar, u dan l-aġir da parti tiegħu kompla nonostante li kienet inħarġet Ordni ta' Protezzjoni mill-Qorti tal-Familja, u sussegwentement mill-Qorti Kriminali. Xehdet li ndunat ukoll li D kellu relazzjoni ma' mara oħra, u esebiet ir-ritratt Dok EB1 fejn juri li hu kien mar ma' din il-mara tiegħ, li hi ma attendietx. Kompliet tixhed illi bintha darba segwietu u meta marret id-dar sabet lill-istess mara li tidher fir-ritratti esebiti fl-atti tal-medjazzjoni. Spjegat li bintha llum għandha tmintax-il sena iżda għadha qed tistudja fl-Universita ta' Malta. Xehdet li hi qed tippretendi l-ammont ta' Ewro 5470 li ħarġet għall-vettura tagħha, li hi kienet ħallset lilu, peress li xtara l-vettura hu, iżda li mbagħad sussegwentement ħadielha. Esebiet Dok EB2, li turi dak li ħallset.

E C Nicholas G` xehdet permezz ta' affidavit u qalet li hi bint il-partijiet, li ommha dejjem wasslitha għal lezzjonijiet privati, u għal attivitajiet extra kurrikulari, xtratilha ħwejjeġ u dak kollu li kien hemm bżonn. Spjegat li meta bdiet tikber u saret teenager, missierha ma tantx kien jidher jimpurtah minnha, kemm-il darba kien jgħajjar lil ommha fil-preżenza tagħha u jekk kienet tiddefendi u taqbeż għal ommha kien jibda jgħajjar lilha wkoll. Illi f'ċertu żmien is-sitwazzjoni saret tant gravi, li ommha u hi kienu jiddejqu x'hin jasal il-hin biex imorru d-dar. Żiedet tgħid li darba ommha fetħet il-laptop u telgħu hafna messaġġi li kienu juru li missierha kien qed ikollu relazzjoni ma' mara oħra u jibgħatilha l-flus. Żiedet tgħid li f'Settembru 2016, missierha kien qafel lill-ommha d-dar u talabha ċ-ċwievet tad-dar, u kienu ġew

il-Pulizija d-dar. Xehdet li f'Settembru 2016, meta ġiet lura minn ġimgħa vaganza, ommha qaltilha li kellha titlaq mid-dar fejn kienu joqgħodu ma' missierha, għax ma hassithiex aktar 'safe' tibqa' toqgħod hemm, u hi telqet mid-dar ukoll, u marret toqgħod ma' ommha. Sussegwentement qalet li missierha kien irrabja li kienet telqet mid-dar u meta għalqet sbatax u tmintax-il sena missierha lanqas biss ċemplilha. Spjegat ukoll, li meta missierha xtara l-vettura ta' ommha, semgħethom jitkellmu u missierha kien qal li ommha kellha ttih Ewro 2000. In segwitu, ommha ħallsitu Ewro 1,000 oħra u mbagħad ħallset aktar, iżda l-vettura baqgħet ma nqalbitx f'isem ommha.

Illi H I xehdet b'affidavit u qalet li ilha taf lil A u lil D C għal ħdax-il sena u kienet taħdem ukoll ma' A. Spjegat li kienet taf li A kellha problemi ma' D C, u li kellha taqleb għal xogħol part-time. Xehdet li fl-2016, A kienet qaltilha li s-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali tagħha kienet saret impossibbli. Żiedet tgħid li hi tat is-sapport tagħha lil A meta marret tagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija kontra D, wara li kien għamel żewġ 'bomb scares' fil-binja fejn kienu jaħdmu.

J K xehdet b'affidavit qalet li ilha taf lil A u lil D C għal tmien snin. Meta f'Ġunju 2016, A kienet urietha xi korrispondenza li kienet turi li kellu relazzjoni ma' L M N, u in segwitu, kienet marret l-airport flimkien ma' A fejn kienu raw b'għajnejhom lil D jilqa' lil L, jbusha, jerfgħalha l-bagalja meta waslet mill-Ingilterra u taf ukoll li kien mar erbat'ijiem maghha f'hotel meta' kien informa lil martu li mar erbat'ijiem Lampedusa.

O P xehdet li ilha taf lil A u lil D C ghal 21 sena. Qalet li f'Dicembru 1998 rat tbenġil f'wiċċ A, xufftejn minfuħin u maqsuma, u A stess kienet qaltilha li kienet sofriet vjolenza domestika. Il-ġurnata ta' wara, A kienet ġiet għandha d-dar għax kienet telqet mid-dar u wara marret f'Dar Merħba Bik. Sussegwentement, A kienet baqgħet tilmenta mill-fatt li D kien jargumenta u igħidilha ħafna kliem dispreġġjattiv.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi fil-każ in eżami, r-rikorrenti qed tallega li l-intimat hu ħati ta' abbuż, vjolenza fiżika, emozzjonali u finanzjarja, eċċessi, minaċċji, servizzi, rikatti u theddid kommessi fil-konfront tar-rikorrenti, bi ħtija unikament imputabbli lill-intimat. Għalhekk irid jiġi determinat, wara eżami akkurat tal-provi prodotti, jekk il-ħtija hijiex imputabbli biss lill-intimat.

F'dan il-kuntest, ser issir referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodici Civili[1] li jgħid:

"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment."

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs Benedict Agius[2] ġie enunċjat illi l-liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs Edward Thompson[3], ġie ribadit illi sabiex tiġi promessa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, servizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti li tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi ghas-servizzi[4] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

---

[1] Kapitolu 16 tal-Ligijeit ta' Malta.
[2] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Gunju 1967, u kkwotata fis-sentenza (Cit Nru 1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.
[3] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-sentenza (Cit. Nru1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.
[4] Ara s-sentenza Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Cit. Nru. 1677/1995/RCP).

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Gunju 1961, ġie enunċjat illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala **servizzi**."

Fis-sentenza diġà iċċitata Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi l-**inġurji jew offiżi gravi** gew defintii bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz." Fis-sentenza diġa iċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, gie ritenut "l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."

**L-eccessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud: "eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' periklu ghall-ħajja tal-parti l-oħra."

Il-vjolenza domestika tikkostitwixxi inġurja gravi hafna u ma tistax tiġi ġustifikata. Skont kif pronunzjat ruħha l-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joanne Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone[5], "Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha."[6] Skont l-istess Qorti, "Is-swat, …. hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta` li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taż-żwieġ."[7]

L-adulterju huwa motiv għas-separazzjoni fil-liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."[8] Di piu`, l-ġurisprudenza

---

[5] Deciza fit-3 ta' Ottubru 2003.
[6] Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[7] Charmaine Zahra pro et noe vs Alfred Zahra deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2003.
[8] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta.

kostanti tagħna tirritjeni illi "L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali."[9]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet Maria Dolres sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[10] fejn ġie dikjarat li: "L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali…Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun ippruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche` dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika."

**<u>Responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ u applikazzjoni tal-Fatti in Eżami</u>**

Illi fil-każ in eżami, jirriżulta li l-intimat D C huwa kontumaċi u għandu jingħad li l-kontumaċja fiha innifisha mhijiex ammissjoni iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni." (Charles Saliba vs Salvu C – deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1997, u skont dejjem kif ġie referut minn dawn il-Qrati, l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabilixxi l-verita tal-fatti."[11]

Għalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova t-talbiet tagħha huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt. Fil-fatt, għal dak li jirrigwarda il-vjolenza, ġew esebiti diversi rapporti tal-Puliziija li għamlet ir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat D C. Di piu`, xehdet

---

[9] Hugh Greengrass vs Lucia greengrass deciza nhar it-2 ta' ottubru 2003 mill-Prim Awla Qorti Civili (Citazzjoni 98/2002/1RCP)
[10] Deciza nhar is-27 ta' Novemnru 2011 mill-prim' Awla Qorti Civili (Citazz. 1715/20011RCP).
[11] Ruth Apap vs Noel Apap deciza mill-Prim' Awla fit-30 ta' Gunju 1995, u Emanuel Spiteri et vs Bernadette Meilak noe, Prim' Awla deciza fil-15 ta' Jannar 2014; Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea, Prim' Awla deciza fis-26 ta' April 2001; Ronald Miclalef et vs Subway malta Limited, Prim' Awla deciza fis-6 ta' Marzu 2001.

ir-rappreżentanta tal-Aġenzija Appoġġ li kkonfermat li r-rikorrenti kellha tirrikorri għall-għajnuna għand l-Aġenzija Appoġġ, u kienet daħlet f'Dar Merħba Bik ukoll għal ftit ġimgħat.

In vista tas-suespost, jirriżulta indubbjament ippruvat li l-intimat kien ħati ta' vjolenza, theddid u offiżi gravi fil-konfront tar-rikorrenti. Illi xehed PC  1592 u esebixxa r-rapporti kollha li għamlet ir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat.  Pauline Camilleri, wara li kkonfermat li r-rikorrenti kienet daħlet f'Dar Merħba Bik, esebiet Dok PC1, li juri l-inċidenti li ġraw mill-1998 sal-2018. Dan jinsab korroborat ukoll permezz tax-xiehda ta' O Gullauimer li xehdet li r-rikorrenti kellha tmur id-dar għandha meta sofriet vjolenza u kellha tbenġil u xoffitha maqsuma, u wara marret f'Dar Merħba Bik.  Bint il-partijiet ukoll xehdet u kkonfermat l-episodji li ġraw fil-preżenza tagħha fosthom fl-2016, meta missierha D C kien sakkar lil ommha d-dar u kienu anke ġew il-Pulizija fuq il-post. Inoltre`, jirriżulta li nħarget ukoll Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja.

Illi r-rikorrenti esebiet ukoll xi indizji dwar relazzjoni jew kuntatti li l-intimat D C allegatament kellu ma' mara oħra L M N, fosthom messaġġi fuq 'facebook messenger', li pprintjat mill-internet. Iżda, b'referenza għal din l-allegazzjoni ta' adulterju, jingħad li ghalkemm il-Qorti eżaminat il-provi li ngiebu dwar dan l-aspett, eżaminat ukoll il-provi dwar il-vjolenza fiżika u l-abbuż. Fid-dawl tal-provi prodotti, Il-Qorti tirrileva li m'hemm l-ebda raġuni għala m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi C abbażi ta' moħqrija u vjolenza fiżika fil-konfront tar-rikorrenti. Il-Qorti rat li l-intimat rrenda ruħu ħati ta' moħqrija u vjolenza fil-konfront ta' martu, kemm minħabba s-serje ta' inċidenti li seħħew matul is-snin u kemm minħabba t-theddid u abbuż, bħal meta sakkarha ġod-dar. In vista tal-provi mressqa, kif irrakontata mir-rikorrenti u kkorroborata bix-xiehda li tressqet, l-intimat irrenda l-ħajja komuni insapportabbli, b'serje ta' incidenti kif rapportati fid-diversi rapporti tal-Pulizija esebiti, sakemm eventwalment ir-rikorrenti kellha titlaq mid-dar konjugali. In vista ta' dan, il-Qorti qegħda ssib lill-intimat unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ bejn il-partijiet.

DWAR IL-KURA U L-KUSTODJA U L-MANTENIMENT

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[12], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[13], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[14], u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[15], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi

---

[12] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;
[13] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Diċembru 1858;
[14] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956
[15] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).

personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut…"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili[16].

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad johroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.

(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

---

[16] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3). Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.

(4). Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5). Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust.

APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Dwar il-kura u l-kustodja, jirriżulta fil-każ in eżami illi E C F G għalqet it-tmintax-il sena fil-mori ta' din il-kawża. Illi qabel ma għalqet it-tmintax-il sena, hija kienet għadha qed tirrisjedi fid-dar ma' ommha u ma' missierha D C. Jirriżulta mill-istess xiehda ta' E C F G, li f'Settembru 2016, kemm hi u kemm ir-rikorrenti telqu mid-dar. Jirriżulta wkoll mix-xiehda tar-rikorrenti, u minn dik ta' E C F G, li matul is-snin li kienu għadhom id-dar, u malli E saret teenager, missierha ma kienx jimpurtah aktar, u meta jkun irrabjat mhux l-ewwel darba li kien jinsulenta lill-istess bintu. Missierha Il-missier D C ma kienx preżenti ffil-ħajja ta' bintu stante li lanqas biss ikkuntatjaha bit-telefon f'għeluq sninha meta għalqet sbatax u tmintax-il sena. Illi mix-xiehda jirriżulta wkoll li kienet ir-rikorrenti li kienet issegwi lil bintha biex twassalha l-lezzjonijiet tal-privat u lezzjonijiet oħra. Għalhekk, ma jidhirx li D C kien baqa' jindukra lil bintu E kif għandu jagħmel missier responsabbli.

Illi E C F G twieldet fil-11 ta' Novembru 1999, kif jidher mill-att tat-twelid Dok B. Għalhekk E C F G m'għadhiex minorreni llum il-gurnata peress li għalqet tmintax-il sena fil-mori tal-kawża. Madankollu, hija għadha qed tistudja fl-Universita' ta' Malta, billi

qed issegwi kors ta' Sociology and Anthropology, kif ikkonfermat ir-rikorrenti fl-affidavit tagħha. Għalhekk, l-obbligu tal-manteniment tal-missier għadu viġenti.

Minħabba l-fatti u r-riżultanzi tal-każ *de quo*, u in vista tal-fatt li E C F G llum għalqet it-tmintax-il sena u m'għadhiex minuri, din il-Qorti ser tichad it-tieni talba tar-rikorrenti dwar il-kura u kustodja tal-minuri. Il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-tielet talba tar-rikorrenti peress illi l-wild llum hija maġġjorenni u għalhekk hija libera li tagħżel hi fejn tgħix u li tieħu d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw l-istudju u s-saħħa tagħha.

Rigward il-manteniment, ladarba ġie stabbilit li E C F G għadha qed tistudja fl-Universita ta' Malta, l-manteniment għad irid jitħallas mill-missier. Minkejja li ma nġiebux provi preċiżi dwar l-introjtu tal-missier, xorta waħda iżda il-Qorti ser tiffissa l-ammont ta' manteniment adegwat. Fil-fatt, mid-dokumenti esebiti, fosthom l-istatements tal-Bank HSBC, jirrizulta li l-intimat ghandu ammont sostanzjali ta' flus fil-kontijiet f'ismu. Għalhekk, din il-Qorti tordna lill-intimat D C sabiex iħallas manteniment għal bintu fis-somma ta' Ewro 300 fix-xahar, u dan peress li bintu għadha qed tistudja fuq bażi "full-time".

Il-Qorti tordna li dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, u li l-manteniment m'għandhux jinkludi spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-wild, stante li dawk l-ispejjeż għandhom jithallsu apparti. Dan il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-wild tibqa' tistudja fuq bażi full-time jew tilħaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, skont liema eventwalita` sseħħ l-ewwel. Jekk il-wild tagħżel li tgħix għal rasha, il-manteniment jrid jitħallas lilha u mhux lill-ommha.

Dwar it-talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiffissa retta alimentarja għaliha, jiġi rilevat li r-rikorrenti taħdem b'mod regolari, f'dan l-istadju hija għandha l-potenzjal li żżomm lilha nnifisha materjalment mingħajr il-ħtieġa ta' manteniment mingħand żewġha. Hija mara bieżla u m'għandha l-ebda diffikulta jew impediment biex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħal ħaddieħor, il-Qorti iżda iżżid tgħid illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma tilfet il-jedd tagħha ta' manteniment mingħand

żewġha u dan peress li hija ma kellha ebda ħtija fit-tkissir taż-żwieġ.

L-arretrati tal-manteniment:

B' referenza għat-talba tal-arretrati ta' manteniment, jiġi nnutat li bint il-partijiet xehdet li kemm hi u kemm ommha telqu mid-dar matrimonjali f'Settembru 2016. Għaldaqstant ser jinħadmu l-arretrati ta' manteniment minn l-aħħar ta' Settembru 2016 fl-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar. Illi din ix-xiehda ta' bint il-partijiet ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mill-intimat. L-ammont ta' arretrati ta' manteniment minn dik id-data sal-lum, jammontaw għal Ewro ħdax-il elf u mija (€11,100). Għalhekk il-Qorti tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' ħdax-il elf u mitt Ewro (€11,100) liema somma hija dovuta bħala arretrati ta' manteniment.

Dwar id-Dar Matrimonjali

Fiż-żwieġ, il-partijiet kienu joqgħodu għal diversi snin fid-dar 307, E, Triq Tas-Sliema, Kappara, San Gwann. Illi mill-provi jirriżulta li r-rikorrenti telqet mid-dar matrimonjali f'Settembru 2016. Fil-fatt, E fl-affidavit tagħha xehdet li meta ġiet minn ġimgħa vaganza, sabet li ommha kienet telqet mid-dar matrimonjali peress li ma ħassithiex aktar 'safe' toqgħod hemm, u E segwietha. Ir-rikorrenti meta fl-2016 telqet mid-dar matrimonjali, għamlet hekk bl-intenzjoni li ma kinitx ser terġa' tirritorna fiha. Ir-rikorrenti qed titlob li tirrisjedi ġewwa dan il-fond matrimonjali flimkien ma' bintha E b'esklużjoni tal-intimat. Illi r-rikorrenti semmiet fix-xiehda tagħha li hi kienet nefqet tlett elef Ewro (€3000) fi spejjeż għad-dar matrimonjali. Għalhekk, jidher li mhuwiex ikkontestat li d-dar matrimonjali kienet tappartjeni lill-intimat. Jiġi osservat ukoll, li meta żżewġu l-partijiet ġiet iffirmata skrittura ta' separazzjoni tal-beni esebita bħala Dok C. Inoltre` r-rikorrenti telqet mid-dar matrimonjali bl-ebda intenzjoni li terġa' tmur tabita hemmhekk, anke jekk dan kien tort tal-aġir tal-intimat. Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti mhux ser tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex tabita fid-dar matrimonjali ma' bintha, stante li fil-

preżent l-imsemmija dar m'għadhiex tikkostitwixxi d-dar taż-żwieġ.

Dwar il-Beni Dotali u /jew Parafernali tar-Rikorrenti

Illi dawn il-beni dotali u/jew parafernali, bl-ebda mod ma ġew indikati jew ippruvati fil-mori tal-proċeduri u għalhekk it-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ma ġietx ippruvata, u għalhekk qegħda tiġi miċħuda.

Illi r-rikorrenti xehdet fl-affidavit tagħha li kienet hallset aktar minn erbat elef Ewro meta D C kien xtara vettura li kienet tuża hi, għalkemm ma ġietx maqluba fuq isimha. Jiġi osservat, li dwar dan m'hemmx talba speċifika da parti tar-rikorrenti. Inoltre`, dawn il-flejjes li allegatament ħarġet ir-rikorrenti ma jiffurmawx parti mill-beni dotali u/jew parafernali tagħha. Hija meta żżewġet lill-intimat u iffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni esebit bħala Dok C. Għalhekk flejjes li allegatament ħarġet hi skont ftehim verbali bejn il-partijiet ma jistax jingħad li jikkostitwixxi beni parafernali.

Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.

L-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-intimat.

Illi l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili għandu jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta' separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jipprovdi:

"48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun  il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[17];
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jtqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."

Illi m'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-moħqrija, l-eċċessi u l-vjolenza da parti tal-intimat. Illi fil-fatt, ġie ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien hemm diversi episodji ta' vjolenza, theddid u offiżi gravi fil-konfront tar-rikorrenti tant li anke nħarġet Ordni ta' Protezzjoni mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja. Inoltre`, ġie ppruvat mir-rizultanzi u mill-assjem tal-provi, li r-rikorrenti kellha tirrikorri ghall-għajnuna tal-Aġenzija Appoġġ, u kellha tidhol f'Dar Merħba Bik għal tlett ġimgħat. Illi dan jipprova suffiċjentement il-moħqrija u l-abbuż li kien sar mill-intimat versu r-rikorrenti matul iż-żwieġ. Illi dawn il-fatti u okkorrenzi huma kollha inkontestati.

Adoperat dan ir-raġunament għall-każ in eżami, din il-Qorti hija konvinta mill-provi li għandha quddiemha li l-azzjoni tar-rikorrenti hija ġustifikata u qed issib lill-intimat ħati ta' vjolenza, theddid u offiżi gravi fil-konfront tar-rikorrenti.

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom li tiddikjara li bl-imġieba tiegħu, l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tar-rikorrenti.

---

[17] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

**DECIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi C, b'tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat, fosthom vjolenza fiżika, emozzjonali, finanzjarja u psikoloġika.

2. Dwar it-tieni talba, il-Qorti qegħda tiċħad din it-talba in toto stante illi l-wild hija llum maġġorenni.

3. Tiċħad it-tielet talba peress li l-wild hija maġġorenni u għandha tkun libera tagħżel fejn trid tirrisjedi.

4. Tiċħad ir-raba' talba għar-raġunijiet fuq spjegati.

5. Tilqa' l-ħames talba u tordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' ħdax-il elf u mitt ewro (€11,100) referibbli għall-arretrati ta' manteniment.

6. Tilqa' limitatament s-sitt talba u tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti manteniment għal bintu E C F G fis-somma ta' tlett mitt Ewro fix-xahar (Ewro300), liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, li ma jkunx jinkludi is-sehem għall-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni. Illi tali manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm l-imsemmija E C F G tibqa' tistudja fuq bażi full-time, għalhekk diment li hija tibqa' tistudja full-time, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm hija tagħlaq tlieta u għoxrin sena (23 sena). Jekk il-wild tagħżel li tmur tgħix għal rasha, il-manteniment jitħallas direttament lill-wild u mhux lir-rikorrenti.

   Tiċħad it-talba għall-ħlas ta' manteniment għar-rikorrenti.

7. Tilqa' s-seba' talba u tordna lill-intimat iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għall-imsemmija E C F G, kif ukoll nofs l-spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari. Il-Qorti

tordna li jekk il-wild tmur tgħix għal rasha l-intimat għandu jħallas dawn l-ispejjeż direttament lilha u mhux lil ommha.

8. Ticħad it-tmien talba peress li l-wild llum hija maġġorenni.

9. Tilqa' limitatament id-disa' talba u tikkonferma l-Ordni Ta' Protezzjoni maħruġa favur ir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kodiċi Ċivili u tal-Artikolu 18 tal-Kap 532 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma tarax li hemm il-ħtieġa li tali ordni tiġi estiża favur l-imsemmija E C F G stante li attur qatt ma kien vjolenti fil-kontront tagħha.

10. Tilqa' l-għaxar talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand ir-rikorrenti.

11. Tiċħad il-ħdax-il talba għar-raġunijiet spjegati aktar 'il fuq.

12. Tilqa' t-tnax-il talba u tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikolu 48 et seq, tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u tapplika kontrih internament jew *in parte* d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48, u 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Tilqa' t-tlettax il talba, tawtorizza lir-rikorrenti tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat.